**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Jannar 2018**

**Rikors Nru: 270/16 CSH**

**James Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**

**J. Zammit Limited (C37945)**

**vs**

**Thorsten Koenig (I.D. 0118984A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn James Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J. Zammit Ltd fl-4 ta' Novembru 2016, fejn talab lil din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' sitt elef, erba' mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€6,461.81) somma rimanenti minn ammont akbar, rapprezentanti l-bilanc mill-valur ta' vettura mibjugha lill-konvenut Koenig u li minnha thallas biss ammont minimu, b'dan illi l-konvenut tilef il-beneficcju tat-

terminu koncess lilu ai termini ta' klawsola 7.1(a) u 7.1(b) tal-kuntratt tal-bejgh li ser jigi pprezentat lil din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Koeing Thorsten (ID118984A) fejn eccepixxa:

*"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza*

*2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-vettura in mertu kienet giet ripresa mis-socjeta' rikorrenti u ghalhekk jekk talvota hemm xi ammont dovut trid issir tpacija ai finijiet ta' valur tal-vettura.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."*

Semghet lil **James Zammit** jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu ta' Direttur u dan fis-seduta tal-5 ta' April 2017 fejn spjega illi l-konvenut kien xtara vettura tal-ghamla Toyota IQ, kulur silver minghand is-socjeta' minnu rappresentanzata nhar it-13 ta' Frar 2015 u dan fl-ammont ta' tmint elef u hames mitt ewro (€8,500) skond il-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok CSH . Ikkonferma li dakinhar tal-kuntratt il-konvenut kien ghamel depositu fl-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) akkont tal-prezz. Ikkonferma li l-konvenut kien beda jonora il-pagamenti mensili tieghu ta' mitejn ewro (€200) pero' l-ahhar pagament sar fit-30 ta' Dicembru 2015.

Minn dakinhar 'l quddiem ma sar l-ebda pagament iehor. Huwa esebixxa statement relattiv li gie mmarkat bhala Dok CSH1. Ikkonferma li l-bilanc kien ta' sitt elef, mija u zewg ewro u ghoxrin centezmi (€6,102.20). Mistoqsi jekk kienx jaf li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut jghid li kien jaf tant li fit-13 ta' Marzu 2017 kien ircieva ordni mill-Qorti tramite l- Magistrat Dr Galea Sciberras li huwa kellu jiddeposita is-somma ta' tlet elef u seba mitt ewro (

€3,700) sabiex ikun jista jirtira il-vettura minghand il-pulizija u huwa kien oggezzjona ghal din l-ordni u ma kienx iritira din il-vettura minn dawk il-proceduri li kien hemm pendenti fil-konfront tal-konvenut.

Illi skond l-istatement esebit jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenut sa l-4 ta' April 2017 kien fl-ammont ta' tmint elef, tlett mija u hdax-il ewro u dsatax-il centezmu (€8,311.19).

Rat illi din il-Qorti tat diversi differimenti sabiex l-konvenut iressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu pero' dan naqas li jaghmel dan.

Il-Qorti rat pero' li it-talba atttrici hija limitata ghall-ammont ta' sitt elef, erba' mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€6,461.81) minkejja li jidher li hemm pendenti somma akbar favur taghha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma imsemmija minnha fir-rikors promotur taghha fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€6,461.81).**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**